V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8305 — Rockwell Collins/B/E Aerospace)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 82/05)

1. Fit-8 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Rockwell Collins (l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża B/E Aerospace (l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz ta' xiri ta' ishma. L-istess konċentrazzjoni diġà kienet ġiet innotifikata lill-Kummissjoni fit-2 ta' Frar 2017, iżda n-notifika ġiet sussegwentement irtirata fil-15 ta' Frar 2017.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Rockwell Collins hija manifattur u fornitur ta' soluzzjonijiet tal-avjazzjoni u soluzzjonijiet integrati kemm għall-applikazzjonijiet kummerċjali u kemm għal dawk governattivi. Il-prodotti ewlenin tagħha jinkludu avjonika fil-kabina tal-piloti, elettronika fil-kabina tal-piloti, komunikazzjonijiet, simulazzjoni u taħriġ, u ġestjoni tal-informazzjoni għal-linji tal-ajru kummerċjali u business jets.

— B/E Aerospace hija manifattur u fornitur ta' prodotti tal-intern tal-kabina tal-ajruplani, inklużi seating fil-kabina tal-ajruplan, sistemi tad-dawl, sistemi tal-ossiġinu, tagħmir għat-tħejjija u l-ħżin tal-ikel u x-xorb, sistemi ta' kċina, u sistemi ta' lavatories modulari.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jbagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8305 — Rockwell Collins/B/E Aerospace, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").